SAN ĠILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12,
Tel : 21373111 Fax : 21373444
e-mail: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 20/K5/06

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 24/08/'06** **209**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 24/08/'06** **262**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 24 t' Awissu 2006.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Sitt membri tal-Kunsill flimkien mad-Deputat Segretarju Connie Said u l-Iskrivana Marisa Micallef.

1.04 Skużat: Il-Kunsillier David Borg

1.05 Preżenza tal-pubbliku: Wieħed (1)

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-talba.

1.1.02 Iċ-Chairman Peter Bonello informa lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker kellha inċident u qegħda bis-sick leave. Għalhekk id-Deputat Segretarju Connie Said ser teżerċita' l-funzjonijiet tas-Segretarju Eżekuttiv (Ref. Memo 16/2004).

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fil-21 t'Awissu 2006. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Offerti
4. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
5. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill li l-Minuti tal-laqgħa Rif. 19/K5/06 ser jitressqu għall-approvazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

1.3.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 2. Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma: -

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 3463 | E-mail mingħand l-AKL rigward parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita'. |
| 3464 | Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward ir-rakkomondazzjoni tal-Kunsill sabiex l-Kunsillier David Borg ma jitlifx postu bħala Kunsillier. |
| 3513 | Kopja t'ittra mingħand l-ADT rigward il-propjeta Xandra fi Triq iż-Żebbuġ, San Ġiljan. |
| 3510 | Kopja t'ittra mingħand Paul Camilleri & Associates rigward il-propjeta Xandra fi Triq iż-Żebbuġ, San Ġiljan. |
| 3517 & 3518 | Ittra mingħand ir-Razzett tal-Ħbiberija sabiex il-Kunsill jagħmel żjara uffiċjali. |
| 3531 | E-mail mingħand l-AKL rigward Regolamenti dwar il-postijiet ta' divertiment. |
| 3549 | Memo 23/2006 rigward bexx ta' pestiċidi u erbiċidi. |
| 3605 | Ittra mingħand l-ADT rigward Bus Bays fil-lokalita' li ma humiex skond l-Avviż Legali 364/2003. |
| 3616 | Ittra mingħand l-AKL rigward il-proċeduri sabiex issir ġemellaġġ bejn il-Kunsill Lokali San Ġiljan u Corfu, il-Greċja. |
| 3632 | Ittra mingħand il-Kunsill Lokali Pembroke rigward il-proposta għat-tismija ta' triq. |
| 3692 | Ittra mingħand il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq rigward il-proposta għat-tismija ta' triq. |
| 3693 | Ittra mingħand l-Awtorita' dwar it-Trasport rigward bus stop fi Triq San Ġorġ. |
| 3698 | Ittra mingħand in-Neptunes Waterpolo rigward għajnuna finanzjarja. |

3702 Ittra mingħand Sant & Mugliett rigward il-flus li nżammew mill-fattura datata 27 ta' Lulju 2006 tal-kuntrattur Charnor Ltd.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi: -**

2.02 Rif. Nru. 3463

Saret riferenza għall-e-mail mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita'. Ġie deċiż unanimament li niktbu ittra lill-Awtorita' dwar it-Trasport fejn ninfurmawhom li l-Kunsill ma jaqbilx li ma jkunx hemm in-numru tal-karrozza mat-tabella tal-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilta'. Dan peress li l-każi ta' persuni li għandhom reserved parking huma kollha differenti. Madankollu għandhom jsiru 'spot checks' sabiex jaraw min għandu bżonn li jkollu n-numru tal-vettura mat-tabella.

2.03 Rif. Nri. 3513 u 3510

B'riferenza għall-kopji ta' l-ittri mingħand l-Awtorita' dwar it-Trasport u mingħand Paul Camilleri & Associates rigward il-propjeta Xandra fi Triq iż-Żebbuġ, San Ġiljan, il-Kunsillier Edgar Montanaro nforma lill-Kunsill li din il-ġimgħa il-perit jikkonkludi s-sitwazzjoni.

2.04 Rif. Nri. 3517 u 3518

Saret riferenza għall-ittri mingħand ir-Razzett tal-Ħbiberija sabiex il-Kunsill jagħmel żjara uffiċjali. Il-Kunsill qabel unanimament li l-ewwel attivita' tal-Kunsill ssir ir-Razzett tal-Ħbiberija.

2.05 Rif. Nru. 3531

B'riferenza għaċ-ċirkolari mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward regolamenti dwar il-postijiet ta' divertiment, ġie deċiż li l-Kunsilliera jiktbu rapport individwalment u nhar il-Ħamis 31 t'Awissu 2006, fil-5.00 p.m. jiltaqgħu l-Kunsilliera sabiex wara jiġi pprezentat rapport lill-amministrazzjoni u jkun jista jintbagħt lill-Kummissjoni għar-Reviżjoni ta' Liġijiet relatati ma' Postijiet ta' Divertiment.

2.06 Rif. Nru. 3549

Saret rifereza għall-memo mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward bexx ta' pestiċidi u erbiċidi. Il-Kunsill qabel unanimament li tintbagħat kopja ta' l-ittra lill-Kuntrattur tal-'Cleaning and Maintenance of Parks and Gardens'.

2.07 Rif. Nru. 3605

B'riferenza għall-ittra mingħand l-Awtorita' dwar it-Trasport rigward il-Bus Bays fil-lokalita' li mhumiex skond l-Avviż Legali 364/2003 ġie deċiż li kopja ta' din l-ittra flimkien ma' kopja tan-Nodes u kopja ta' l-

Avviż Legali 364/2003 jintbagħtu lill-Contracts Manager sabiex jieħu ħsieb jivverifika liema huma dawk il-Bus Bays li għandhom bżonn jiġu konformi ma' l-Avviż Legali.

2.08 Rif. Nru. 3616

Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward il-proċeduri sabiex issir ġemellaġġ bejn il-Kunsill Lokali San Ġiljan u Corfu, l-Greċja. Id-Deputat Segretarju Connie Said ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għall-paragrafu IV ta' l-ittra. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament sabiex il-Kunsillier Richard Scicluna jgħaddi nformazzjoni lill-Kunsill kif jistgħu jinġiebu fondi mingħand brokers ta' l-Unjoni Ewropea biex ikun jista' jsir il-ġemellaġġ.

2.09 Rif. Nru. 3632

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Kunsill Lokali Pembroke rigward il-proposta għat-tismija ta' Triq l-Ewropea ġie deċiż li s-Sindku Peter Bonello jiltaqa' mas-Sindku ta' Pembroke.

2.10 Rif. Nru. 3693

Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Awtorita' dwar it-Trasport rigward bus stop fi Triq San Ġorġ. Il-Kunsill qabel unanimament li qabel ma tinqala din il-Bus Stop, għandu jiltaqa' ma' l-Awtorita' dwar it-Trasport sabiex tiġi diskussa alternattiva oħra.

2.11 Rif. Nru. 3698

B'riferenza għall-ittra mingħand in-Neptunes Waterpolo and Swimming Club rigward organizzazzjoni ta' skola ta' l-għawm il-Kunsill qabel unanimament li:

- jidħol b'kollaborazzjoni man-Neptunes Waterpolo and Swimming Club sabiex jiġu organizzati korsijiet ta' l-għawm
- jiġu allokati Lm150

2.12 Rif. Nru. 3702

Saret riferenza għall-e-mail mingħand Sant & Mugliett rigward il-flus li nżammew mill-fattura datata 27 ta' Lulju 2006, tal-kuntrattur Charnor Ltd. Il-Kunsill qabel unanimament li jistgħu jitħallsu l-Lm200.

**3.1 Offerti – 'Maintenance of Traffic Signs and Road Markings'**

3.1.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'schedule li tinkludi l-informazzjoni dwar min ittenderja, kif ukoll bir-rakkomandazzjoni tal-Perit Lino Cachia għall-kuntratt tal-'Maintenance of Traffic Signs and Road Markings' (Ara Appendiċi 'A').

3.1.02 Iċ-Chairman Peter Bonello ppropona li jintgħażel 'Tenderer Ċ' kif ġie rrakkomandat mill-Perit Lino Cachia, jiġifieri dik li ġiet sottomessa mill-Fix All.

3.1.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

3.1.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.2 'Upkeep and Maintenance of Access Roads and Access only / Pavements or Pedestrian Streets'**

3.2.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'schedule li turi min tefa' l-offerti kif ukoll bir-rakkomandazzjoni tal-Perit Lino Cachia għall-kuntratt tal-'Upkeep and Maintenance of Access Roads and Access only / Pavements or Pedestrian Streets' (Ara Appendiċi 'B').

3.2.02 Iċ-Chairman Peter Bonello ppropona li jintgħażel Dimbros Ltd hekk kif ġie rrakomandat mill-Perit Lino Cachia.

3.2.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

3.2.04 Din il-mozzjoni għaddiet għall-votazzjoni fejn tlett kunsilliera vvutaw favur, tnejn vvutaw kontra u wieħed astjena.

3.2.05 Għaldaqstant din il-mozzjoni għaddiet.

**3.3 'Insurance Coverage'**

3.3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'schedule li turi min tefa' l-offerti għall-kuntratt tal-'Insurance Coverage' (Ara Appendiċi 'Ċ')

3.3.02 Iċ-Chairman Peter Bonello ppropona li jintgħażel it-Tender tal-Peak Insurance Brokers.

3.3.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

3.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet**

4.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

4.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

4.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

5.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets min-numru 2098 sa l-2133 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

5.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets mill-2098 sa l-2133.

5.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6. Materji Oħra

6.01 Il-Kunsill ġie nformat li:-

- l-Uffiċċju Amministtrativ ser jkun magħluq l-għada tal-festa ta' San Ġiljan.
- d-Deputat Segretarju Connie Said ser tieqaf taħdem fl-aħħar tas-sena u għandhom jibdew l-proċeduri sabiex tiġi mpjegata persuna ġdida.

6.02 Il-Kunsill qabel unanimament li: -

- niktbu lill-iStreet Naming Committee sabiex ningħataw lista tan-nies li nbidlitilhom l-isem tat-triq u ġew joqogħdu fi Triq il-Qalb Imqaddsa.
- ssir tabella ġdida ta' l-isem għal Triq il-Qalb Imqaddsa minflok dik li hemm ta' Triq il-Kuċċard.
- niġbdu l-attenzjoni tan-Northern Cleaning Co-operative Ltd. sabiex ibattal l-iskips ta' Triq il-Qalb Imqaddsa.
- jinżabru s-siġar li hemm f'Telgħet Birkirkara ħdejn il-Malta Independent.
- jiġu rranġati l-bankijiet ta' Ġnien Saver Zarb mill-MSD.
- jsiru railings u taraġ fi Triq il-Mensija kantuniera ma' Triq Forrest.

6.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssuġġerixxa li l-Kunsill jibda jiltaqa' darbtejn fix-xahar.

6.04 Iċ-Chairman Peter Bonello nformah li hija diffiċli li l-Kunsill jiltaqa' darbtejn fix-xahar.

6.05 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fil-3.40 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Connie Said |
| Sindku | Deputat Segretarju |